MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2286/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony Camilleri (ID No. 807043 (M)) u l-istess Anthony Camilleri**

**Vs**

**Mario Xerri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm254.61c) rapprezentanti danni subiti minnhom b'kollizjoni li sehhet fi Triq Sarria, l-Furjana fil-5 ta' Jannar, 2003 li fiha kienu nvoluti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAK 984

proprjeta’ ta’ l-attur Anthony Camilleri u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBI 498 misjuqa mill-konvenut billi gie allegat li dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-incident mertu tal-kaz jahti unikament is-sewwieq tal-vettura ta’ Anthony Camilleri.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Edmond Zammit Laferla, PS 1417 Stephen Tarpey, PC 1527 John Coleiro, Anthony Camilleri u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Philip Magri ghall-atturi u ta’ Dr Massimo Vella ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAK 984 kienet giet mikrija mill-attur Anthony Camilleri lil Andrea Grasso, sewwieq ta’ nazzjonalita’ Taljana. Andrea Grasso kien qed isuq fi Triq is-Sarria, l-Furjana u milli jidher kellu diffikulta’ dwar fejn kien qieghed u biex isib tarf ta’ kif ser johrog minfejn kien qieghed. Huwa kien qed isuq bil-mod, jieqaf u jerga’ jsuq, jieqaf u jerga’ jsuq etc.

Il-konvenut isostni li kien qed isuq vann u kien miexi wara l-istess sewwieq Taljan. Huwa nnota s-sewqan ta’ l-istess Taljan izda hin minnhom haseb li dan kien waqaf u ghalhekk mar biex jaqbzu, imma mhux hekk biss, izda l-manuvra ta’ surpass kienet tali illi wara li jaqbez l-istess vettura, kellu jikser lejn ix-xellug biex jiehu *side road* li taghtik ghad-Depot proprju faccata fejn hemm il-knisja Ta’ Sarria. Proprju waqt dan il-mument ta’ surpass, il-vettura misjuqa mit-Taljan laqtet il-karozza misjuqa mill-konvenut, izda ghalkemm fil-karozza tal-konvenut ma kienx hemm evidenza ta’ hsara, fil-vettura misjuqa minn Grasso, kien

hemm hsara fil-parti tal-genb u quddiem tal-karozza kif indikat sew fuq l-i*sketch* a fol 20 tal-process.

Illi l-konvenut qieghed isostni illi fil-fatt kienet il-vettura tat-Taljan li baqghet diehla go fih, izda t-Tribunal m'huwiex konvint li l-incident sehh kif qed jghid li sehh il-konvenut.

Minn ezami ta' l-evidenza mressqa quddiem dan it-Tribunal u partikolarment mill-i*sketch* jidher car illi Grasso kien qieghed fi triqtu u ghalhekk il-konvenut, meta ghamel il-manuvra ta' surpass kellu jaccerta ruhu li jista' jaghmel tali manuvra liberament u minghajr ebda ostakolu ghall-istess Grasso. Jidher car ukoll illi mill-mod kif sehh l-incident, meta l-konvenut issurpassa l-vettura ta' Grasso huwa qata' quddiemu u dahal fit-triq tal-genb man-naha tax-xellug u b'rizultat ta' dan sehhet il-kollizjoni. Il-konvenut kien jaf illi Grasso kien qed ikollu diffikulta' biex jidentifika fejn kien qieghed u li kien qed isuq b'mod *stop start* u ghalhekk missu qaghad attent hafna partikolarment billi nduna illi dan is-sewwieq kien qed ikollu certu diffikulta'. Certament, il-manuvra ta' surpass kif maghmula da parti tal-konvenut kienet manuvra mhux tas-soltu u ma kienx mistenni illi bniedem li jissurpassa vettura ohra, f'daqqa wahda taqta' ghal quddiemu b'dak il-mod.
Li jkompli jafferma din il-konkluzjoni huma r-ritratti esebiti a fol 12 tal-process li minnhom wiehed jista' jinduna illi l-hsara fil-vettura misjuqa minn Grasso ma kienetx rizultat minn daqqa izda pjuttost minn zbrixxatura ta' vettura li gejja minn wara u fil-fatt gibdet jew hakket max-xewka ta' quddiem tal-vettura misjuqa minn Grasso tant illi l-attur Camilleri xehed illi l-*bumper* ingibed.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal huwa tal-fehma illi r-responsabbilta' unika tal-kollizjoni in kwistjoni ghandha tigi allokata lill-konvenut.

Ghar-rigward ta' l-entita' tad-danni, mid-dokument a fol 10 tal-process jirrizulta illi r-riparazzjonijiet fil-vettura jammontaw ghal mija u disgha w erbghin lira Maltin (Lm149). Ma' dawn wiehed irid izid tlett ijiem *loss of use* kif indikat fis-*survey report* a fol 11 tal-process li skond id-

dokument EZL03 a fol 13 tal-process jammontaw ghal sbatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25c) biex b'hekk dan it-total jammonta ghal mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm166.25c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni u jikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm166.25c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------